C/2025/3089

27.5.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11973 — EVH GE / HSBC / ESG KRAFTWERKE WETTIN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/3089)

1. Fl-20 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EVH Grüne Energie — Beteiligung GmbH & ampCo KG ("EVH GE", il-Ġermanja), ikkontrollata mill-belt ta' Halle (il-Ġermanja),

— HSBC Alternative Investments S.C.A. SICAV-RAIF ("HSBC Alternative Investments", il-Lussemburgu), proprjetà ta' HSBC group (ir-Renju Unit).

— ESG Kraftwerke Wettin GmbH &Co. KG ("ESG", il-Ġermanja).

EVH GE u HSBC Alternative Investments se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' ESG.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— EVH GE hija attiva fil-ġenerazzjoni u l-provvista tal-elettriku, tal-gass u tas-sħana, kif ukoll fl-iżvilupp u l-operat tal-faċilitajiet rilevanti,

— HSBC Alternative Investments hija kumpannija ta' investiment tal-HSBC group. L-HSBC group huwa attiv f'diversi segmenti tal-industrija bankarja.

3. ESG se topera park solari f'Merbitz, il-Ġermanja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11973 – EVH GE / HSBC / ESG KRAFTWERKE WETTIN

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (the "ir-Regolament dwar l-Għaqdiet).
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË